MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Numru 707/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**VS**
**RODERICK BALDACCHINO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Roderick Baldacchino, iben Herbert John u Mary Grace nee' Zammit, imwieled Attard fis-16 ta' Settembru 1978, residenti 88, Triq l-Ifran, Valletta u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 510978(M).

Illi huwa akkuzat talli bejn is-27 ta' Jannar, 2009 u l-31 ta' Jannar 2009 f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera’ haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta’ Maria Carmela Camenzuli detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 110058(M) u Gorga Cilia detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 104849(M), liema qliegh jammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) u dan bi ksur ta’ Artikoli 308 u 310(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. u aktar talli bi sara ta’ Maria Carmela Camenzuli detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 110058(M) u Gorga Cilia detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 104849(M), ghamel qliegh b’qerq li jammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) u dan bi ksur ta’ Artikoli 309 u 310(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant, filwaqt li nesebixxi l-fedina penali u att mill-estratt tat-twelid ta’ l-imsemmi Roderick Baldacchino, nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat (a fol.16) fil-verbal datat 1 ta’ Lulju, 2010;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Roderick Baldacchino**, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 308 u 309 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tqieghed lill-imputat that Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fedina penali tieghu u l-fatt illi l-imputat hallas il-pendenzi kollha lill-kwerelanti fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------